ŻEBBUĠ

# Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

## ĠBIR TAL-ISKART

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ javża li mit-**Tnejn l-1 ta' Ottubru 2012**, l-iskart imħallat tad-djar (il-borża s-sewda) ser jibda jinġabar kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa, Ġimgħa u Sibt. Il-ġabra tibda fit-7.45 ta' filgħodu miż-Żebbuġ. MHUX SER ISSIR ĠABRA NHAR TA' TLIETA, ĦAMIS U ĦADD.

L-iskart separat (il-borża l-griża) ser ikun qiegħed jinġabar
nhar ta' Tlieta fit-7.45 ta' filgħodu – karti u kartun
nhar ta' Ħamis fit-7.45 ta' filgħodu – laned u plastik.

L-iskart għandu jinħareġ BISS sa nofs siegħa qabel il-ġabra u kulħadd mitlub iħalli l-borża tiegħu wara biebu.

Kull min ikollu skart goff, jista' jċempel il-Kunsill u aħna nieħdu ħsieb biex dan l-iskart jinġabar fl-iqsar żmien possibbli. Nitolbu lil kulħadd għall-koperazzjoni.

## LABRA TAL-INFLUWENZA

Għal sena oħra, il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ se jkun qiegħed joffri s-servizz ta' tilqim kontra l-influwenza komuni mill-Berġa tal-lokal. Jistgħu japplikaw mal-Kunsill dawk il-persuni li għalqu 55 sena. Dawk interessata mitluba biex jinkitbu l-Kunsill sal-Erbgħa 10 ta' Ottubru 2012.

## *END OF SUMMER FEST*

Is-Sibt 22 ta' Settembru 2012, il-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn se jorganizza l-attivita' annwali tiegħu għall-għeluq tal-istaġun **End of Summer Fest** fil-Bajja ta' Marsalforn. F' din l-attivita', ser jieħdu sehem il-Banda Santa Marija taż-Żebbuġ, Għaqda Folklor Xagħri u Cini Brothers. Il-marċ mill-Banda Santa Marija jibda fis-7.00pm u jitlaq mit-*terminus*, idur għal Triq il-Forn u jispiċċa fil-Menqa. Il-programm jissokta għal ħabta tad-9.30pm fuq il-*promenade* ta' Marsalforn. Il-Kumitat ta' Marsalforn qiegħed jistieden lil kulħadd għal din l-attivita'.

## ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU

Navżaw li mill-1 ta' Ottubru 2012, l-Uffiċċju tal-Kunsill se jkun miftuħ għas-servizz tal-pubbliku f' dawn il-ħinijiet:

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa – mit-8.00am sal-4.45pm
Nhar ta' Sibt mit-8.00am sal-11.30am.

Ħruġ ta' permessi u taħrikiet ikunu aċċettata sal-4.15pm matul il-ġimgħa u nhar ta Sibt sal-11.15am.

## LAQGĦA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ DWAR IT-TWAQQIF TAL-KUNSILL LOKALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ ĠEWWA Ż-ŻEBBUĠ

Nhar it-Tlieta 18 ta' Settembru fis-7.30 ta' filgħaxija, il-Kunsill Lokali se jorganizza laqgħa għaż-żgħażagħ kollha ta' bejn l-14 u t-18-il sena fejn fiha se jigu infurmati dwar it-twaqqif tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ u dwar l-elezzjoni tas-Sindku taż-Żgħażagħ. Iż-żgħażagħ li se jipparteċipaw f'dan il-proġett, se jiġu mgħallma minn *youth workers* Maltin dwar kif jużaw fondi speċjali allokati għalihom biex jagħmlu dawk il-proġetti li jixtiequ ġewwa l-lokalita' tagħna. Il-laqgħa, li se tkun indirizzata mill-Viċi Sindku s-Sur Mario Cassar se ssir fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Il-familji mħeġġa jinfurmaw liż-żgħażagħ tagħhom.

**It-Tnejn, 10 ta' Settembru 2012**

***Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ***
***Nri. tat-telefon 21563056/27563056***